# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 8 TA' DIĊEMBRU 2019

**Festa tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija**
Għada l-Ħadd 8 ta' Diċembru 2019 hija l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Wara l-quddiesa tas-6:30am nitolbu t-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Magħmudija Komunitarja**
Għada l-Ħadd 8 ta' Diċembru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 10 ta' Diċembru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq il-Gross (minn Triq Ġużè Pesci sa *New Street in* Triq il-Gross) Triq ir-Rummien, Triq il-Qastan u *New Street in* Triq il-Gross.**

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**
Il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**
It-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019 bejn is-7:00pm u d-9:30pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**
Il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**
Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***

It-Tlieta 31 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**

Bħas-snin ta' qabel din is-sena wkoll se norganizzaw is-Siġra tal-Imħabba. Dawn l-għotjiet ser imorru kollha għall-bżonnijiet ta' wħud mill-familji fil-bżonn tal-Parroċċa tagħna. Imdendlin mas-siġra issibu wkoll envelops li fihom ikun hemm il-bżonnijiet tat-tfal ta' dawn il-familji. Jekk jogħġobkom, min jieħu minn dawn l-envelops iġġibu dak li jkun hemm miktub fil-karta. Jekk tkun għalikom diffikultà, tistgħu tagħtu donazzjoni ta' flus u poġġuha fil-kaxxa li hemm ħdejn is-siġra. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Bazaar ta' Ponsjetti u pjanti oħra**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa li fih ser issir bejgħ ta' ponsjetti u pjanti oħra. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Milied Skaliż**

Bħalissa l-Parroċċa tagħna flimkien ma' għadd ta' għaqdiet tal-lokal se tkun qed tipparteċipa fil-Milied Skaliż organizzat mill-Kunsill Lokali fi Ġnien Sant'Anna quddiem il-knisja. Hija okkażjoni sabiħa fejn naqsmu l-ferħ tal-Milied flimkien.

**Grupp Santa Marta**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru *Christmas Logs*, Torti tal-Marmolat u *Mince Pies* minn fuq iz-zuntier.

**Caritas Malta**

Caritas Malta waqqfet fond biex jiġu megħjuna ħutna li tilfu lil nieshom u djarhom kawża tat-terremot fl-Albanija. Id-donazzjonijiet tagħna nistgħu ngħadduhom lis-saċerdoti jew jitwasslu personalment il-Caritas jew jintbagħat cheque indirizzat Caritas Malta Emergency Fund.